

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Ġunju 2012

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

(2012/298/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 153(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽²⁾, ("il-Ftehim ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi rigward kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet.
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim tiġi estiża biex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 940/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012) ⁽³⁾.

- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2012.

- (4) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-7 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BØDSKOV

⁽¹⁾ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 246, 23.9.2011, p. 5.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../2012 TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,****dwar kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim tiġi estiża biex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 940/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012) ⁽¹⁾.
- (2) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din l-estensjoni ta' kooperazzjoni tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati tal-EFTA għandhom jieħdu sehem fil-programmi u azzjonijiet tal-Komunità msemminjati fl-ewwel żewġ inċiżi tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar 1996, fil-programm imsemmi fit-tielet inċiż tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar tas-sena 2000, fil-programm imsemmi fir-raba' inċiż tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar tal-2001, fil-programmi msemminjati fil-ħames u s-sitt inċiżi tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar tal-2002, fil-programmi msemminjati fis-seba' u t-tmien inċiżi tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar tal-2004, fil-

programmi msemminjati fid-disa', l-għaxar u l-ħdax-il inċiżi tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar tal-2007, fil-programm imsemmi fit-tnax-il inċiż tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar tal-2009 u fil-programm imsemmi fit-tlettal-inċiż tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar tal-2012."

2. L-inċiż li ġej jizjed fil-paragrafu 8:

— **32011 D 0940:** Id-Deċiżjoni Nru 940/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012) (ĠU L 246, 23.9.2011, p. 5)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi ... dment li jkun saru n-notifiki kollha taħt l-Artikoli 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell,.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President *Is-Segretarji*
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

⁽¹⁾ ĠU L 246, 23.9.2011, p. 5.

(*) [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.] [Hemm rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]